NEWSPAPER POST



IL-BELT VICTORIA

Pubblikazzjoni bimensili tal-bażilika protoparrokkjali ta' San Ġorġ | Għawdex

JANNAR - FRAR 2010

Nru 172

# SAN ĠORĠ "TAGĦNA" GĦAL FUQ L-ALTAR PAPALI

M'hemmx dubju li kienet – u għadha! – ix-xewqa ta' kull Kristjan Għawdxi li l-Papa Benedittu XVI imidd riġlejh fuq gżiritna fil-vjaġġ appostoliku li sa jagħmel lejn Malta fix-xahar ta' April, fl-okkażjoni ta' l-1950 anniversarju mill-miġja ta' l-Appostlu Missierna San Pawl f'artna. Biss, għalkemm issa donnu kull tama li jżur lil Għawdex intfiet, l-Għawdxin ħa jkollhom sehem ewlieni fit-twettiq ta' din il-ġrajja straordinarja. Kemm kellhom raġun ta' qabilna meta kienu jgħidu illi l-bniedem jipproponi u Alla jiddisponi!

Malli tħabbar li l-Papa kien ġej Malta, twaqqfet kummissjoni *ad hoc* fi ħdan il-Kurja ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta sabiex f'kollaborazzjoni diretta mal-Vatikan tkun tista' tħejji dan l-avveniment bl-aħjar mod. Fost id-diversi ħidmiet ta' din il-ġunta nsibu fuq quddiem nett l-organizzazzjoni tal-konċelebrazzjoni pontifikali li l-Qdusija Tiegħu sa jmexxi fuq il-Fosos tal-Furjana nhar il-Ħadd 18 ta' April 2010. Dak in-nhar fil-għodu għajnejn id-dinja Kattolika ħa jkunu fuq l-altar li fuqu l-Papa sa jiċċelebra s-sagrifiċċju tal-Quddiesa.



Junior College
Pjazza Ġużè Debono
L-Imsida MSD 1252
Malta

## Ħalliena saċerdot ieħor...



## Il-Kan. Ġwann Scicluna (1931-2010)
## edukatur u konfessur

San Ġorġ ilu sa mill-antik magħruf fost l-Għawdxin kollha bħala knisja "konfessjonali". Minħabba fil-pożizzjoni strateġika tagħha fil-qalba tal-ħajja soċjali Għawdxija, il-parroċċa tagħna taqdi funzjoni sagramentali fid-djoċesi li l-ebda parroċċa oħra ma twettaq daqshekk tajjeb. Hi vokazzjoni tagħha li tkun hemm għal min jeħtiegħa, u dawk li jiġu jfittxu s-servizz fiha donnhom jippretendu b'xi dritt li jsibuh. Jekk tiġi San Ġorġ, għandek tinqeda! Il-Quddies tal-Ħadd iktar mimli b'nies minn parroċċi oħra u Maltin milli b'membri ta' l-istess komunità parrokkjali, u l-Qrar kull fil-għodu hu mfittex min-nies ta' l-irħula li jitilgħu r-Rabat għall-qadjiet tagħhom. Minn San Ġorġ tinqeda tajjeb f'kollox, jgħidulek, għax Quddies kull siegħa u qassis għall-Qrar dejjem issib.

aqra l-artiklu sħiħ f'paġni 4 u 5

# Editorjal

UFFIĊĊJU EDITORJALI
Uffiċċju Parrokkjali Bażilika San Ġorġ Triq il-Karità, Victoria VCT 1200, Għawdex
tel: 2155 6377, fax: 2155 6981 email: info@ilbeltvictoria.org
web: www.stgeorge.org.mt radio: 104.00MHz FM Stereo

## Ir-rota dejjem iddur

Issa li diġà bdejna t-tielet xahar tas-sena 2010, l-attività fil-parroċċa ta' San Ġorġ tkompli għaddejja. Ma nistgħux ngħidu li ħa tkompli jew sa terġa' tibda, għaliex il-parroċċa ta' San Ġorġ hija waħda dinamika u l-ħajja fiha ma tonqos qatt.

Din is-sena l-parroċċa tagħna qed tfakkar diversi anniversarji ta' ġrajjiet li għaddiet minnhom tul is-snin li għaddew. Qabel kollox insemmu l-ħamsin sena, eżattament f'Diċembru, minn meta ġie kkonsagrat l-altar bażilikali, xogħol fl-irħam tal-Prof. Carlo Pisi. Din is-sena nfakkru wkoll l-għaxar anniversarju mill-mewt ta' tliet qassisin mill-parroċċa tagħna: il-kantur Mons. Carmelo Sacco, l-arċipriet Mons. Emanuel Mercieca (li qed infakkru wkoll il-mitt sena minn twelidu), u l-Kan. Nikol Vella Apap. Għalkemm dawn il-qassisin ħallewna, it-tifkira tagħhom ma tistax tintesa malajr. U jkun sew li f'din is-Sena Saċerdotali l-qassisin tal-lum, u – għaliex le! – il-Ġorġjani kollha japprezzaw u jibnu fuq l-imħabba tagħhom lejn il-Knisja u lejn San Ġorġ, li minnha għandna ħafna x'nitgħallmu.

Fuq nota ta' niket insellmu lill-Kan. Ġwann Scicluna, saċerdot ieħor Ġorġjan li ħalliena aktar kmieni din is-sena. Żgur li kull min jiffrekwenta l-bażilika ta' San Ġorġ jiftakar lil Dun Ġwann, kif ilkoll nafuh, fil-konfessjonarju ta' fejn l-altar ta' San Mikiel, fejn ħafna nies semgħu l-pariri siewja tiegħu u sabu l-faraġ fil-kliem meqjus tiegħu, waqt li rċivew minn għandu l-maħfra ta' Alla fil-Qrar.

F'din is-sena l-bord editorjali ħaseb biex ifakkar sew dawn l-anniversarji li semmejt aktar kmieni. Artikli fuq is-sens Bibliku, liturġiku u artistiku ta' l-altar, u fuq dawn is-saċerdoti Ġorġjani li qed jagħlqu l-anniversarji rispettivi tagħhom, sa jidhru f'dawn is-sitt ħarġiet ta' din is-sena. Minn hawnhekk nerġgħu nfakkru wkoll lilkom, qarrejja ta' din il-pubblikazzjoni, biex tagħtuna l-għajnuna finanzjarja ħalli nżommu ħaj dan il-proġett mibdi kważi tletin sena ilu.

### KRONAKA PARROKKJALI

*Membri ġodda fil-komunità parrokkjali*

27/12/2009 **Isaac**, bin Joseph Buttigieg u Sharon Portelli
24/01/2010 **Hannah**, bint Jason Vassallo u Romina Borg
07/02/2010 **Ilona**, bint Robert Formosa u Annabelle Mercieca
07/02/2010 **Jacqueline**, bint Anthony George Bugeja u Jennifer Vella

*Ingħaqdu fis-sagrament taż-Żwieġ*

16/01/2010 **Raymond Gatt u Ċettina Portelli**

*Marru jingħaqdu ma' Kristu Rxoxt*

11/01/2010 **Ġużeppi Vella**
18/01/2010 **Rose Farrugia**
27/01/2010 **Pawlu Ballucci**
31/01/2010 **M'Antonia Camilleri**
09/02/2010 **Mananni Cefai**
12/02/2010 **Kan. Ġwann Scicluna**
13/02/2010 **Giovanni Mercieca**

### Nifirħu lil:

- **Paul M. Cassar**, li f'Settembru 2009 ġie maħtur Kavallier ta' l-Ordni Ekwestrju tas-Santu Sepulkru ta' Ġerusalemm, waqt ċerimonja ta' l-investitura li saret fil-knisja tal-patrijiet Franġiskani Minuri, il-belt Valletta.
- **Samuel Grech**, is-seminarista minn Għajnsielem li din is-sena qed jagħti servizz pastorali fil-parroċċa tagħna, li nhar il-Ħadd 6 ta' Diċembru 2009 irċieva l-ministeru ta' l-Akkolitat, fil-knisja parrokkjali ta' San Lawrenz.
- **L-E.T. Mons. Ġużeppi Mercieca**, arċisqof emeritu ta' Malta, li nhar il-Ħadd 17 ta' Jannar 2010 ingħata *Ġieħ Għawdex*, f'ċerimonja mtellgħa miċ-*Circolo Gozitano*.
- **Patri Alan Scerri** OSA, li l-Erbgħa 20 ta' Jannar 2010 irċieva dottorat fl-Edukazzjoni mill-Università ta' Lincoln, l-Ingilterra.

**Grazzi ta' l-għajnuna tagħkom Mons. Coronato Grima (Ġibiltà) – £10**

*Il-Belt Victoria* hi l-pubblikazzjoni maħruġa kull xahrejn mill-bażilika protoparrokkjali ta' San Ġorġ, bl-għan li twassal il-messaġġ Kristjan u aħbarijiet oħra tal-parroċċa lill-membri tal-komunità parrokkjali mifruxa ma' l-erbat irjieħ tad-dinja. L-ewwel ħarġa ġiet stampata fl-1981 wara deċiżjoni li ttieħdet f'seminar parrokkjali fi Frar ta' dik is-sena, bl-inizjattiva ta' l-arċipriet Mons. Emanuel Mercieca. Mitbugħa għand l-*A&M Printing* tal-Qala, Għawdex.



BORD EDITORJALI
Francesco Pio Attard, Andrew Formosa, Michael Formosa, Neville Galea, George Francis Vella, Antoine Vassallo.
Il-fehmiet tal-kontributuri mhux bilfors jaqblu ma' dawk tal-bord editorjali.

FOTOGRAFIJA
Joe Attard, Teddy Attard, Dr Michael J. Camilleri, Mario Casha, Andrew Formosa, Ivan Galea, Tonio Schembri, Kan. Felix Tabone, Joseph J.P. Zammit

jaqbad minn paġna 1

# għal tmien darbiet fuq l-altar tal-Papa...





Id-disinn ta' l-altar tal-Papa fuq il-Fosos tal-Furjana, fejn ħa jintramaw il-gandlieri.

Għaldaqstant, aktar kmieni din is-sena, il-kumitat organizzattiv ressaq talba lill-E.T. Mons. Mario Grech, isqof ta' Għawdex, sabiex għal fuq dan l-altar papali jintrama s-sett gandlieri tal-fidda li tippossiedi l-bażilika ta' San Ġorġ. Min-naħa tiegħu, Mons. Isqof għadda l-ittra lill-arċipriet Mons. Pawlu Cardona ħalli jitlob l-approvazzjoni tal-kapitlu Ġorġjan. F'laqgħa tal-presbiterju parrokkjali, li nżammet nhar it-Tlieta 2 ta' Frar 2010, din l-istedina minn Malta sabet l-appoġġ unanimu tal-membri preżenti tal-kapitlu tal-kolleġġjata.

Dan is-sett gandlieri tal-fidda (tul: 90 ċentimetru), li għadu kemm sar xogħol ta' restawr fuqu mil-*Laga Company Ltd* ta' Ħal Luqa, inħadem l-Italja fuq inizjattiva tal-prokuratur ta' San Ġorġ, il-mibki Mons. Anton Grech Vella, li t-tifkira għażiża tiegħu tibqa' mnaqqxa f'qalb il-parruċċani ta' San Ġorġ għal ħafna u ħafna żmien. Id-disinn tagħhom hu ispirat mis-sett ta' akkolti tal-festa ta' San Ġorġ, disinn ta' Abram Gatt. Waslu Għawdex għall-festa ta' San Ġorġ ta' l-1962 u tbierku mill-E.T. Mons. Ġużeppi Pace, isqof ta' Għawdex, fil-pontifikal ta' jum il-festa, nhar il-15 ta' Lulju.



Ġieħ ieħor li jferraħna hu l-għażla ta' kompożizzjoni mużikali ta' Dr John Galea, iben tal-parroċċa Ġorġjana u direttur tal-*Chorus Urbanus*, biex tindaqq fl-istess Quddiesa tal-Papa f'Malta. Il-kompożizzjoni, *Missa In Fractione Panis*, kienet inkitbet fl-okkażjoni tal-ħamsa u għoxrin anniversarju presbiterali ta' l-isqof ta' Għawdex, Mons. Mario Grech, u ndaqqet għall-ewwel darba f'pontifikal li sar fil-Katidral ta' Għawdex, nhar il-Ġimgħa 26 ta' Lulju 2009, fejn fi tmiemu l-kompożitur ippreżenta n-noti mużikali lill-Isqof Grech bħala rigal. Din il-kompożizzjoni sagra hi bbażata fuq il-*Missa de Angelis*, bil-kor ikanta *a quattro voci* u jalterna mal-kongregazzjoni. L-għażla minn fost sitt kompożizzjonijiet ta' Quddies differenti, imħabbra mill-Kurja ta' l-Arċisqof, saret f'Jannar li għadda.

Kemm għandha tabilħaqq għax tħossha onorata l-parroċċa tagħna li minbarra li sa tkun ta' servizz kbir għall-Vigarju ta' Kristu fl-eqdes mument taż-żjara tiegħu f'pajjiżna, ix-xbieha maħbuba ta' San Ġorġ rebbieħ, li tinsab ingastata fuq kull gandlier, sa tkompli tagħni bi ġmielha l-liturġija solenni tal-Knisja mmexxija mill-Papa nnifsu.




Il-logo uffiċċjali taż-żjara.

jaqbad minn paġna 1



Mal-familja tiegħu (it-tieni mix-xellug, fit-tieni filliera).

Imma dak li ħaddieħor ifittex donnu bi dritt, ma jaqax mis-sema! Il-parroċċa ta' San Ġorġ sal-lum kienet kapaċi toffri dan is-servizz lid-djoċesi, propju għax kienet imżejna bi kleru eżemplari u dejjem disponibbli. L-età u n-nuqqas ta' vokazzjonijiet, kif ukoll ix-xejra ta' ħajja saċerdotali li donnha wkoll qed tinbidel, bil-mod il-mod qed jimbuttaw ir-realtà lejn xifer perikoluż li jġib miegħu ħafna riskji li ma nistgħux ma nqisux. Diġà bdejna nħossu l-piż tan-numru kbir ta' Quddies kuljum, u spiss tidħol fis-sagristija u, fejn qabel kont dejjem issib saċerdot lest biex iqarrek, issa trid tistenna...

Fl-aħħar ħames snin il-parroċċa ta' San Ġorġ tilfet sitt qassisin, 'il fuq mill-medja ta' wieħed kull sena. U persentaġġ għoli tal-kleru Ġorġjan qabiżhom sew is-sittin!



Meta kien għadu kjeriku.

Wieħed mis-saċerdoti ta' valur li tlifna dan l-aħħar kien propju l-Kan. Ġwann Scicluna. Kif qal l-isqof Mons. Mario Grech fl-omelija tal-funeral, li sar fit-13 ta' Frar 2010 fil-bażilika ta' San Ġorġ, Dun Ġwann kien "konfessur illi ta ħafna mill-ħin tiegħu, f'diversi ċirkustanzi u postijiet, bħala wieħed illi jirrikonċilja lill-bniedem ma' Alla". Il-missjoni tal-Kan. Ġwann Scicluna kienet waħda qaddisa, għax mis-saċerdozju tiegħu qatta' ħafna ħin iqarar. Dan is-servizz kbir li ta lill-Knisja rajnieh b'għajnejna fil-bażilika tagħna, spiss miżgħuda b'nies minn Għawdex kollu jfittxu l-konfessjonarju tiegħu.

Giovanni twieled f'familja kbira, fir-Rabat, nhar il-21 ta' Marzu 1931. Il-ġenituri tiegħu, Anton u Maria Carmela, għammduh l-għada fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Meta ċ-ċkejken Ġwanni poġġa għall-ewwel darba fuq il-bank ta' l-iskola, fuq il-kontinent Ewropew diġà kien beda jberraq is-sema sewdieni tat-Tieni Gwerra Dinjija. Għall-gżira ċkejkna ta' Għawdex ma kienx żmien sabiħ, imma minkejja t-tbatija kollha l-ġenituri tiegħu rnexxielhom irabbu l-familja ta' tmienja fil-biża' u l-imħabba ta' Alla. Il-familja Scicluna ma kinitx nieqsa mill-eżempju tajjeb ta' qraba li ddedikaw ħajjithom għas-servizz ta' Alla u tal-Knisja: fost dawn, l-aħwa monsinjuri Ġużeppi u Ġorġ Cefai, wieħed rettur tas-santwarju tal-Verġni Mbierka f'Ta' Pinu u konfessur ta' Karmni Grima, u l-ieħor dekan tal-kapitlu tal-Katidral. Barra minn hekk, il-kuġin ta' Anton kien il-Franġiskan Patri Akkursju Xerri, magħruf biżżejjed għall-imħabba tiegħu lejn San Ġorġ, qalb ħafna ħidmiet oħra li wettaq, fosthom ta' predikatur għaref u ta' awtur brillanti.

Insomma, ir-riżultat deher fost l-ulied ta' Anton u Carmela. Wieħed minn ħut Ġwanni daħal hu wkoll mal-patrijiet Ta' Ġieżu, u ħa l-isem ta' Tumas, waqt li waħda minn ħutu l-bniet ingħaqdet mas-sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, ulied Madre Margerita Debrincat. Sr Luisetta fil-fatt għadha mimlija bl-għomor, fil-monasteru ta' Triq Palma, fejn sa mewtu Dun Ġwann ukoll kien għadu joqgħod, fid-dar tal-familja, flimkien ma' oħtu Sunta. Il-frott ta' vokazzjonijiet għall-ħajja kkonsagrata



Qed jiġi ordnat mill-Isqof Ġużeppi Pace.



Jirċievi l-abiti ta' kanonku tal-kolleġġjata Ġorġjana.

lil Alla lanqas ma kellu jieqaf ma' Ġwanni, għax it-tifel ta' oħtu wkoll sar saċerdot... dak li aħna konna nafuh bħala l-arċipriet Mons. Salv Borg (1944-2007), li Dun Ġwann kellu jarah iħalli d-dinja qablu. Barra minn hekk, kuġinuh hu Mons. Carmelo Scicluna, it-teżorier tal-kolleġġjata Ġorġjana.

Wara l-istudji fil-Liċew, iż-żagħżugħ Ġwanni daħal fis-Seminarju ta' l-Isqof, fejn irċieva l-formazzjoni tiegħu għas-saċerdozju sakemm ġie ordnat fil-15 ta' April 1956, mill-E.T. Mons. Ġużeppi Pace, isqof ta' Għawdex. L-ewwel Quddiesa solenni ċċelebraha fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, fis-29 ta' April 1956. Il-paniġierku, kif mistenni, għamlu Patri Akkursju Xerri OFM, il-kuġin ta' missieru. Forsi minn għandu wkoll Dun Ġwann, u warajh Dun Salv, wirtu l-imħabba lejn l-edukazzjoni. Sa mill-ewwel snin tas-saċerdozju tiegħu Dun Ġwann beda jgħallem ir-Reliġjon u t-Taljan fis-Seminarju Minuri ta' Għawdex, u mbagħad ġie msejjaħ ikun għalliem ukoll fl-iskola sekondarja tal-bniet li kellu l-Istat.

Imma ħidma importanti li wettaq Dun Ġwann, sa minn Ottubru 1957, jiġifieri sena wara li qaddes, kienet dik ta' kappillan tas-Sorijiet tal-Karità, li dak iż-żmien kienu attivi ħafna fil-Konservatorju ta' l-Isqof, fejn mhux biss kellhom il-kunvent tagħhom, imma wkoll skola u dar għall-bniet iltiema. Għalkemm il-ħajja pastorali ta' Dun Ġwann ma kinitix mimlija żżejjed, hu ma naqasx li jagħmel dmiru ta' saċerdot kull fejn kien jiġi msejjaħ, bħal ngħidu aħna bħala assistent ekkleżjastiku ta' l-Azzjoni Kattolika fir-Rabat. Żviluppa wkoll spiritwalità profonda: fil-fatt issieħeb ma' l-Adoraturi ta' l-Ewkaristija, assoċjazzjoni ta' saċerdoti li kienu jagħmlu impenn akbar biex jagħtu u jxerrdu qima lil Ġesù preżenti fl-Ewkaristija.

Minħabba dawn l-impenji pastorali tiegħu, Dun Ġwann ftit kien iqatta' ħin San Ġorġ. Kien biss meta s-sorijiet ħallew ir-Rabat u hu irtira mill-professjoni ta' għalliem, li sab ruħu mill-ġdid fil-parroċċa tiegħu. Hawn iddedika l-ħin kollu tiegħu għal dak li tant kien jieħu gost u jaf jagħmel: iqassam il-grazzji fis-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni. Fl-1976 ġie magħżul wieħed mill-kanonċi l-ġodda tal-kolleġġjata Ġorġjana. Anki jekk fl-umiltà tiegħu forsi ma spikkax f'ħafna oqsma prominenti, Dun Ġwann kien imżejjen b'kuraġġ u ottimiżmu sinifikanti li ma ħallewhx joqgħod minuta b'idejh fuq żaqqu. Beda jiġri b'mod regolari minn knisja għall-oħra joffri s-servizz tiegħu ta' konfessur. Ħafna parroċċi f'Għawdex gawdew minn dan is-servizz tiegħu, u kellu mod partikulari kif jiġbed iż-żgħażagħ lejn dan is-sagrament u jlaqqagħhom mal-ħniena kbira ta' Alla fil-Qrar.

F'Diċembru 2006 il-Kan. Ġwann Scicluna ċċelebra l-ħamsin anniversarju mill-ordinazzjoni presbiterali tiegħu. Diġà kien żaru l-mard, għajnejh bdew ibatu biex jaraw sewwa, u riġlejh ħtieġu l-għajnuna ta' bastun, imma anki hawn xorta ma qatax qalbu, u kien jitla' San Ġorġ, jintefagħlek fuq siġġu fis-sagristija jew f'xi konfessjonarju, jistenna n-nies għall-Qrar jew anki għad-direzzjoni spiritwali. U n-nies ma kienet tonqos qatt! F'din is-sena saċerdotali, il-figura eżemplari ta' Dun Ġwann, impressa fl-imħuħ ta' ħafna, ma tistax ma tfakkrekx fil-Kurat ta' Ars, li offra l-ministeru saċerdotali għall-vokazzjoni ta' konfessur.

Wara xi ġimgħat l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, il-Kan. Ġwann Scicluna miet nhar il-Ġimgħa 12 ta' Frar 2010, fil-għodu, fl-età ta' 78 sena. Il-funeral solenni tiegħu sar l-għada, fil-bażilika ta' San Ġorġ, fl-4.00pm.



Mal-familja fil-festa tal-ħamsin sena saċerdozju. Jidher maġenbu n-neputi Mons. Salv Borg.

# Dun Jimmy
## minn missjunarju fil-Brażil għal arċipriet tan-Nadur



Kulħadd hekk jafu... Dun Jimmy! Mur saqsi lil dawk li fis-snin tmenin u disgħin kienu l-fjur taż-żgħażagħ fiz-zona ta' Taċ-Ċawla, u jgħidulek x'kien għalihom Dun Jimmy! Quddies li jiġbed il-gzuz, ċelebrazzjonijiet imħeġġa, drammi fuq il-palk, attivitajiet sportivi, u ħarġiet spissi... isem is-saċerdot kwiet mit-triq tal-*Museum* ma damx ma sar leġġenda għal ħafna! U qabel ingħaqad ma' grupp ta' saċerdoti oħra biex jgħin fil-bini ta' komunità fiz-zona periferika tar-Rabat, li minn ħbula ta' raba' mas-snin kibret fi djar u blokkijiet, Dun Jimmy kien diġà direttur ta' l-Istitut ta' San Ġużepp f'Għajnsielem, għalliem tal-Filosofija fis-seminarju maġġuri tad-djoċesi, segretarju pastorali ta' l-Isqof Cauchi, u awtur ta' ktieb li sab popolarità kbira fost l-istudenti tar-Reliġjon fil-livell avvanzat.

Il-ħeġġa pastorali ta' dan is-saċerdot, maħbub tant miż-żgħażagħ u t-tfal, kienet bdiet fis-snin tiegħu bħala seminarista tal-parroċċa ta' San Ġorġ, fejn hu u Dun Effie Masini kienu trawmu f'dak l-entużjażmu tipiku għall-Knisja li ġarrew magħhom sal-lum. "Mill-frott tagħhom tagħrfuhom...". Kienu jaħdmu bla serħan, l-aktar mat-tfal u ż-żgħażagħ, fiċ-ċentru parrokkjali l-ġdid li Mons. Emanuel Mercieca kien għadu kemm bena, ħolma ta' dan il-mexxej għaref li għal San Ġorġ ma riedx biss monumenti kulturali imma wkoll dar ta' tagħlim u kura ta' l-erwieħ. U Dun Jimmy kien fost l-ewwel frott! Iltim minn missieru ta' età żgħira, hu żviluppa fih dik il-karatteristika paterna li tant qablet mal-missjoni saċerdotali tiegħu. Iż-żerriegħa miżrugħa f'San Ġorġ, imma, ma ratx il-ħsad fl-istess parroċċa. Għax minn meta qaddes, fl-1981, Dun Jimmy ftit kellu jerġa' jirfes l-għatba tagħna wara li għamel l-ewwel Quddiesa solenni. Donnu l-futur tiegħu, wara s-sentejn ta' studju f'Ruma, kien iddestinat għal imkejjen oħra tal-Knisja f'Għawdex.

Imbagħad, ħabta u sabta, wara erbatax-il sena ta' ħidma saċerdotali mżewqa, Dun Jimmy jitlaq kollox u jħalli xtutna! "Dun Jimmy missjunarju l-Brażil", dwiet il-karba, tiliegħeb bejn ferħ u diqa. Bħal bennej tajjeb imma umli, iħalli dak li tħabat għalih b'tant għaraq, biex jibda mill-ġdid fit-triq li reġa' sema' 'l-Mulej isejjaħlu għaliha. Vokazzjoni ġo vokazzjoni. In-nies ta' Taċ-Ċawla baqgħu marbutin miegħu b'rabta speċjali, jorganizzaw kull xorta ta' attività b'riżq il-missjoni tiegħu, u bi wħud minnhom jitilgħu jżuru l-parroċċi fejn kien qed iservi.

L-ewwel beda bħala viċi, imbagħad mexa għal Maceió fejn kien kappillan. U ż-żelu għaref tiegħu spikka tant li ssejjaħ mill-isqof tal-post biex ikun ukoll rettur tas-seminarju interdjoċesan tal-belt kbira ta' Maceió. Dan l-aħħar kien kappillan f'Messias, parroċċa oħra fl-istat ta' Alagoas. Ma kinitx ħidma faċli, u bata wkoll, imma ta' ħaddiem għaqli li kien żamm dejjem quddiemu Dak li għalih kien qed jaħdem. Ma kellux għax jikkonfondi.



L-Isqof Cauchi jordnah saċerdot.



Fil-*Prima Messa* tiegħu.

U issa, wara ħmistax-il sena, it-toroq tagħna u tiegħu jerġgħu jiltaqgħu. Dun Jimmy lura fostna, imsejjaħ mill-isqof Mons. Mario Grech biex jieħu f'idejh it-tmun tal-parroċċa ta' San Pietru u San Pawl, fin-Nadur. Il-ħatra tiegħu, imħabbra pubblikament l-ewwel permezz tal-media tal-parroċċa tagħna – u b'mota ferrieħa tal-qniepen Ġorġjani –, xterdet bħala aħbar ta' ferħ fost niesu, kif ukoll fost il-poplu tan-Nadur, li għal dawn l-aħħar 27 sena kellu bħala ragħaj qaddis lil Mons. Salvu Muscat. Għal Dun Jimmy nafu li ma kinitx "iva" faċli, imma l-kalma li donnha ma tħalli qatt lil wiċċu tirrifletti s-serenità li biha jilqa' kull kmand ta' Alla, kif dejjem għamel f'ħajtu, b'imħabba u servizz. U malli wasal mill-Brażil, ma naqasx li jaqbeż qabża sa San Ġorġ, il-parroċċa tiegħu, għax "kif tmur Ruma u ma tarax il-Papa!". L-aħħar li kien fostna kien xi sentejn ilu, waqt waħda miż-żjarat ta' mistrieħ fis-Sajf, fejn iċċelebra wkoll il-ġublew saċerdotali tal-fidda fil-bażilika ta' San Ġorġ.

Il-lum il-parroċċa tagħna hi fid-dmir li titlob għalih, biex il-Mulej iwettqu bil-grazzji tiegħu f'din il-"missjoni", li m'hi xejn eħfef minn dik li ħadem fiha għal dawn l-aħħar ħmistax-il sena, fejn diġà kiseb esperjenza kbira bħala kappillan. Li tkun ragħaj ta' parroċċa hu wkoll salib li trid tagħraf iġġorru b'umiltà u bl-għerf tas-Sema. Minn dawn, għall-grazzja ta' Alla, Dun Jimmy m'hux nieqes!



Predikatur ukoll fil-Missjoni.

Il-pussess ta' Mons. Jimmy Xerri bħala s-seba' arċipriet tal-bażilika u kolleġġjata tan-Nadur sa jsir iktar tard qabel is-Sajf. Bih, il-parroċċa ta' San Ġorġ, issa għandha tliet membri tal-presbiterju tagħha li huma kappillani f'xi parroċċa oħra tal-gżira.

# Rejiet Ingliżi bl-isem ta' Ġorġ (1)

Dun Geoffrey G. Attard

## Ir-Re Ġorġ I (1660-1727)



George Louis ta' Hanover twieled f'Osnabruck, f'Hanover, nhar it-28 ta' Mejju 1660, iben Ernst August, l-Elettur u d-Duka ta' Hanover, u martu Sophia. Sophia kienet bint Eliżabetta, li kienet il-bint il-kbira tar-Re Ġakbu I ta' l-Ingilterra (li kien ukoll Ġakbu VI ta' l-Iskozja); din kienet magħrufa bħala Eliżabetta tal-Boħemja. Ġorġ wiret it-titlu ta' Duka u Elettur ta' Hanover nhar it-23 ta' Jannar 1698. Hu sar is-suċċessur għat-tron ta' l-Ingilterra wara l-mewt tar-Reġina Anna minħabba li kien l-eqreb eredi maskili Protestant għat-tron Ingliż; ir-Reġina Anna kienet mietet mingħajr werrieta leġittimi. Ġorġ kellu madwar 54 sena meta sar re ta' l-Ingilterra. Ir-raġuni li hu wiret it-tron flok il-Prinċep James Stuart ta' l-Iskozja kienet minħabba li fl-1701 kienet għaddiet fil-Parlament il-liġi msejħa *Act of Settlement*, li pprojbiet lill-Kattoliċi li jirtu t-tron Brittaniku. Hu qatt ma tgħallem l-Ingliż u minħabba f'hekk xejn ma kien popolari mas-sudditi Ingliżi. Kien għalhekk jippreferi li jikkomunika bil-Franċiż, il-lingwa tad-diplomazija. Kien jiddependi ħafna fuq ibnu George Augustus sabiex jittraduċilu. Fi żmienu laħaq prim ministru Robert Walpole li kien hu fil-verità l-mexxej tal-pajjiż, speċjalment matul il-perjodi twal li Ġorġ kien iqatta' f'Hanover, li kienet l-għaxqa ta' qalbu. Ġorġ stess stqarr li kien jippreferi jkun 'il bogħod mill-Ingilterra. Hu żżewweġ lil Sophia Dorothea ta' Celle u kien inkurunat Re tal-Gran Brittanja u l-Irlanda fl-Abbazija ta' Westminster, f'Londra, nhar l-20 ta' Ottubru 1714. Kellhom tifel wieħed li aktar tard sar Ġorġ II, u tifla waħda, u tlitt itfal illeġittimi. Persunaġġ ieħor importanti li għex fi żmien ir-Re Ġorġ kien id-Duka ta' Marlborough. Fi żmien il-ħakma ta' Ġorġ, Daniel Defoe ippubblika *Robinson Cruose* fl-1719, u Jonathan Swift ippubblika *Gulliver's Travels* fl-1726. Fi żmienu wkoll l-Ingilterra daħlet fi gwerra kontra Spanja fuq l-artijiet fl-Amerika, u Spanja ttentat tieħu Ġibiltà minn idejn l-Ingliżi. Fl-1727 miet ix-xjentist Isaac Newton. Ġorġ miet f'Hanover nhar il-11 ta' Ġunju 1727 u jinsab midfun f'Leineschlosskirche, f'Hanover stess. Warajh laħaq re ta' l-Ingilterra ibnu, li ħa l-isem ta' Ġorġ II. Fil-ktieb tiegħu *The four Georges*, fuq l-erba' rejiet Ingliżi li kellhom dan l-isem, William Makepeace Thackeray stqarr li għalkemm ir-Re Ġorġ ma ħabbx ħafna l-Ingilterra, hu qeda l-iskop li għalih intgħażel bħala sultan, jiġifieri li l-Ingilterra tibqa' taħt renjanti Protestanti.

# Fil-knisja u l-parroċċa ta' San Ġorġ fir-Rabat ta' Għawdex
## 1935-1943
### L-Ewwel Parti

Winston L. Zammit

Waqt li riċentament kont qed inqalleb diversi gazzetti u rivisti ltqajt ma' ħafna tagħrif b'rabta mal-parroċċa u l-knisja ta' San Ġorġ fir-Rabat ta' Għawdex għas-snin 1935-1943. Matul dawn is-snin bejn l-1935 u l-1940 sar it-tkabbir tal-knisja parrokkjali, u dawn is-snin (1935-1943) kienu wkoll l-aħħar snin tal-parrokat twil ta' Mons. Alfons M. Hili (1865-1943) li kien arċipriet tal-Katidral u kappillan ta' San Ġorġ.

**Il-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ**

Iċ-ċentru tal-parroċċa kienet il-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ li bejn l-1935 u l-1940 ġiet imkabbra bit-tħabrik ta' l-imsemmi Mons. Alfons M. Hili, Mons. Franġisk Portelli u ħuh Ġużeppi, u bl-għajnuna ta' l-isqof ta' Għawdex Mons. Mikiel Gonzi.[1]

Il-proċess tat-tkabbir tal-knisja ta' San Ġorġ inbeda fid-19 ta' Awwissu 1935 u ntemm ħames snin wara, f'Lulju 1940. Ix-xogħol li kien sar mill-imgħallem bennej Saver Vella kien jikkonsisti fil-bini tan-navi, il-kappelli ta' Ġesù-Marija u tal-Kurċifiss, u l-bini mill-ġdid tas-saqaf tal-knisja u tal-koppla.[2]



Il-mejjet ħabib tiegħi l-Kan. Nikol Vella Apap (1930-2000) kien ta tagħrif dettaljat fuq dan il-proċess fil-ktieb-programm tal-festa ta' San Ġorġ ta' l-1985.[3] Għaldaqstant mhux sa noqgħod nirripeti t-tagħrif li ta huwa. Minflok sa nġib it-tagħrif fuq il-bini tal-knisja li deher fir-rivista djoċesana *La Lucerna* bejn l-1937 u l-1940.

**Marzu 1937:** Tliet knejjes parrokkjali, fosthom dik ta' San Ġorġ fil-belt Victoria, qegħdin ikabbru l-istruttura tagħhom.[4]

**Ottubru 1937:** Żorna l-knisja ta' San Ġorġ fejn ix-xogħol tat-tkabbir miexi b'rittmu mgħaġġel u l-poplu huwa sodisfatt għax l-ispazju li sa jkun hemm għall-Quddies u l-katekiżmu jippermettilu li jinġabar fit-tempju b'numru ferm akbar.[5]

**Diċembru 1937:** Ir-rivista kellha kliem ta' tifħir għall-arċipriet Mons. Alfons M. Hili, Mons. Franġisk Portelli u ħuh Ġużeppi għas-sehem tagħhom fit-tkabbir tal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ.[6]

**1 ta' Ottubru 1939:** Ikompli t-tkabbir tal-knisja taż-Żebbuġ u tal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ fil-belt Victoria. Fiż-żewġ knejjes qiegħda tinbena l-koppla.[7]

**23 ta' April 1940:** Festa interna ta' San Ġorġ. Din is-sena ma saritx il-festa esterna, kawża tax-xogħol li kien qed isir għall-bini tal-koppla li kienet tiela' u qiegħda tabbelixxi il-panorama tal-belt.[8]

**28 ta' Lulju 1940:** Fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ fil-belt Victoria saret ġurnata espożizzjoni solenni bħala ringrazzjament lil Alla li ntemm b'riżultat tajjeb ix-xogħol tat-tkabbir tal-knisja. In-navi laterali, il-kappelli fil-fond tagħhom u l-koppla kienu binja li rnexxiet. Il-koppla kienet iżżejjen il-panorama tal-belt. Wara l-Għasar Patri Ġjaċint Camenzuli OFMCAP għamel diskors ta' l-okkażjoni. Wara l-isqof Mons. Mikiel Gonzi intona t-*Te Deum* u ta l-barka sagramentali.[9]

Iżda bejn l-1935 u l-1940 minn barra x-xogħol fuq imsemmi saru xogħlijiet oħra fil-knisja: l-altar ta' San Mikiel saritlu l-mensla ta' l-irħam, spejjeż ta' Dun Giovanni Battista Meilak. Bil-flus ta' M.A. Galea ġew irranġati l-prospettivi ta' diversi altari.[10]

**Mons. Alfons Marija Hili**



It-tmexxija tal-parroċċa ta' San Ġorġ kienet f'idejn Mons. Alfons M. Hili, li kien ukoll l-arċipriet tal-Katidral. Mons. Hili kien ħa f'idejh it-tmexxija taż-żewġ parroċċi tar-Rabat f'Jannar 1918 u kien ħa l-pussess fil-knisja ta' San Ġorġ fis-27 ta' Jannar 1918.[11] Għaldaqstant dawn kienu l-aħħar snin tal-parrokat twil tiegħu.

Fl-1938 l-arċipriet Hili għalaq ħamsin sena saċerdot. Għalhekk huwa fakkar dan l-avveniment b'Quddiesa solenni fil-knisja ta' San Ġorġ fit-8 ta' Mejju, assistit minn żewġ kappillani. F'din l-okkażjoni Dun Alfons għamel diskors kommoventi u intona t-*Te Deum*.[12]

Mons. Hili, kif semmejna qabel, kien ħabrek għat-tkabbir tal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, u ta wkoll

somma ta' flus għall-istess skop.[13]

Iżda minn barra li kien ir-ragħaj spiritwali taż-żewġ parroċċi tal-belt Victoria fl-aħħar tas-snin tletin kellu diversi karigi fil-Kurja. Fil-fatt insibu li kien wieħed mill-imħallfin sinodali, eżaminatur prosinodali, eżaminatur tal-kleru, u wieħed mill-kappillani konsulturi.[14] Kien ukoll id-direttur djoċesan tal-Kongregazzjoni Universali tas-Sagra Familja li kienet imwaqqfa fil-parroċċi kollha ta' Għawdex.[15]

Fl-1940 Mons. Hili għalaq ħamsa u sebgħin sena, għalhekk l-Isqof Gonzi ħaseb biex jagħtih l-għajnuna bħala ragħaj spiritwali tar-Rabat. Għaldaqstant b'digriet tat-12 ta' Novembru 1940, meta l-popolazzjoni tar-Rabat kienet żdiedet bil-miġja ta' bosta rifuġjati minn Malta, l-Isqof Gonzi ħatar lill-kanonku penitenzier tal-Katidral, Dun Mikiel Cefai, bħala *"vicarius adjutor"*, minħabba l-età avvanzata ta' l-arċipriet Hili.[16]

**Viċi-parroki u kleru**

Matul l-aħħar snin tal-parrokat twil tiegħu Dun Alfons, minn barra l-għajnuna ta' Mons. Cefai bħala vigarju adjutur, kellu l-għajnuna ta' diversi viċi-parroki, li kienu:

1. Dun Mikiel Vella, li spiċċa mill-kariga fl-1937 meta nħatar kappillan fl-isptar *Santa Tereża*.[17]
2. Dun Mikiel Grech bejn l-1937 u l-1944.[18]
3. Dun Karm Hili, li beda jaġixxi bħala viċi-parroku fl-1941.[19] Dun Karm kien jiġi ħu l-arċipriet Hili, u billi kien ukoll prokuratur tal-knisja kien magħruf bħala Dun Karm il-Prokuratur.[20]
4. Dun Karm Sacco, li beda jaġixxi bħala viċi-parroku fl-1942,[21] u li kellu wkoll il-kariga ta' prokuratur ta' l-altari ta' San Mikiel u San Ġużepp.[22]

Saċerdoti oħra li ħadmu fil-parroċċa ta' San Ġorġ fl-aħħar snin ta' Mons. Hili kienu Dun Giovanni Battista Meilak, li kien kappillan fl-isptar *Chambray*,[23] Dun Ġwann Grech, li kien il-prokuratur tal-Fratellanza tal-Kurċifiss,[24] Dun Pawl Micallef, li kien sagristan maġġur u mbagħad waqqaf l-*Oratorju Don Bosco*, u Mons. Salv Tabone, li kien kappillan ta' l-Isqof.

Iżda bejn l-1937 u l-1943 il-belt Victoria kellha numru ta' saċerdoti ġodda li, kif kienet id-drawwa dak iż-żmien, kollha kienu jiċċelebraw l-ewwel Quddiesa solenni tagħhom fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Dawn kienu:

1937 Dun Ġwann Frendo, Dun Tarċisju Gatt u Dan Manwel Mercieca, li ġew ordnati saċerdoti fil-25 ta' Lulju 1937.[25]

1938 Dun Dward Bondì, li ġie ordnat saċerdot fil-31 ta' Lulju 1938.[26]

1940 Dun Karm Xuereb, li ġie ordnat saċerdot f'Mejju 1940.[27]

1941 Dun Karm Sacco, li ġie ordnat saċerdot fil-kappella tas-Seminarju ta' Għawdex fis-7 ta' Ġunju 1941. Huwa ċċelebra l-ewwel Quddiesa solenni tiegħu l-għada fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ.[28]

1943 Dun Anton Grech Vella, li ġie ordnat saċerdot f'Awwissu 1943.[29]



Ritratt tal-festa ta' San Ġorġ mill-ewwel nofs tas-seklu għoxrin.
Fit-tarf tax-xellug, quddiem l-istatwa, jidher l-Arċipriet Hili ma' xi saċerdoti oħra.

**Riferenzi**

1 *La Lucerna*, Diċembru 1937, 260.
2 *Leħen is-Sewwa*, 7 ta' Mejju 1952, 3.
3 Nikol Vella Apap, *Ħamsin sena mill-bini tan-navijiet*, fi *Programm Festa San Ġorġ – Għawdex*, Lulju 1985, 27-33.
4 *La Lucerna*, Marzu 1937, 51.
5 Ibid, Novembru 1937, 238.
6 Ibid, Diċembru 1937, 260.
7 Ibid, Novembru 1939, 312.
8 Ibid, Mejju 1940, 124.
9 Ibid, Awwissu 1940, 183.
10 *Leħen is-Sewwa*, 7 ta' Mejju 1952.
11 Mikiel Cefai, *Orazzjoni funebri b'tifkir lil Mons. Alf. M. Hili*, 3 ta' Frar 1944, 11.
12 *La Lucerna*, Ġunju 1938, 144.
13 Cefai, *Orazzjoni*, 15.
14 *Guida generale di Malta e Gozo 1939-1940*, 175.
15 Ibid, 176.
16 *La Lucerna*, Diċembru 1940, 266. Jidher, imma, li Mons. Cefai kien diġà beda jagħti l-għajnuna tiegħu f'San Ġorġ minn Lulju 1939, fejn tidher il-firma tiegħu bħala vigarju adjutur (tagħrif ġentilement mogħti lili minn Francesco Pio Attard, 3 ta' Awwissu 2009).
17 *La Lucerna*, Lulju 1937, 142. Fis-7 ta' Ġunju 1937 l-imsemmi Dun Mikiel Vella ġie maħtur kappillan ta' l-isptar *Santa Tereża*.
18 Tagħrif ġentilment mogħti lili minnn Francesco Pio Attard, 3 ta' Awwissu 2009.
19 Ibid.
20 Paul M. Cassar, *Il-bażilika ġdida ta' San Ġorġ f'Għawdex*, f'*Leħen is-Sewwa*, 16 ta' Jannar 1959, 6.
21 Tagħrif ġentilment mogħti lili minnn Francesco Pio Attard, 3 ta' Awwissu 2009.
22 *Tifkira tal-pussess ta' l-ewwel kanonċi tal-kolleġġjata bażilika ta' San Ġorġ, Victoria, Għawdex*, 10 ta' Lulju 1976, 10.
23 *La Lucerna*, April 1937, 70.
24 Vella Apap, *Għeluq il-mitt sena mit-twaqqif tal-Fratellanza tal-Kurċifiss*, fi *Programm Festa San Ġorġ – Għawdex*, Lulju 1993, 87.
25 *La Lucerna*, Awwissu 1937, 167.
26 *Direttorju ekkleżjastiku*, Malta 2003, 403.
27 Ibid, 410.
28 *Leħen is-Sewwa*, 14 ta' Ġunju 1941, 3.
29 *Direttorju ekkleżjastiku*, Malta 2003, 406.

## Mużew tagħna - Mużew għal kulħadd

LEJN TWETTIQ TA' ĦOLMA

5

*Antoine Vassallo*

# Sa fl-aħħar!

Is-Sibt 6 ta' Marzu deher l-ewwel xogħol fuq is-sit tal-mużew: ġie l-bennej magħżul wara s-sejħa għall-offerti u beda jżarma u jipprepara!

Is-sejħa kienet dehret irriklamata fis-6 ta' Settembru 2009. Allura faċilment tħoss li għandek tistaqsi: "Għaliex tħallew jgħaddu tant ġimgħat?". Diġà spjegajt fil-ħarġiet ta' qabel – u speċjalment waqt il-programm *Mużew tagħna, Mużew ta' kulħadd* fuq *Leħen il-Belt Victoria* (nhar ta' Tlieta) – li ma qgħadniex b'idejna fuq żaqqna! Il-volum ta' dokumentazzjoni meħtieġa hu sostanzjali, u kontinwament intlabna nimlew iżjed formoli (mhux darba u tnejn, mil-lum għal għada). L-aħħar kwistjoni li tellfitna ż-żmien fil-fatt kienet polza ta' assigurazzjoni li tkopriħ għal ħsarat li jistgħu jsiru lill-bini tal-ġirien. Naħseb li m'għandix għax inżid li żgur sa tingħata l-akbar attenzjoni – u x-xogħol isir skond l-aqwa sengħa – biex ma jinqala' xejn!

Iżda l-"itwal" impediment kien dewmien sa x'ħin ftehimna d-dettalji kollha fuq il-*grant agreement* – il-kuntratt mal-*PPCD* (id-Diviżjoni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru li hi l-*managing authority* fuq il-fondi għall-iżvilupp reġjunali, li jinkludu l-programm li fih ipproponejna dan il-proġett tagħna). Id-dokument (oħxon mhux ħażin: sittin paġna, barra l-appendiċijiet) li fl-aħħar iffirmajna jispjega sew il-ħidmiet li sa jitħallsulna 85% mill-ispejjeż tagħhom. Lista dettaljata nipprova nsibilha spazju darb'oħra; għal-lum ngħid li qasmuhomlna f'seba' "komponenti" jew sezzjonijiet: *Project Management*, Konsulenza Teknika, Studji, Apparat (inklużi miżuri favur l-ambjent), Xogħlijiet (inkluż restawr), Pubbliċità (inkluża websajt interattiva), u Kontinġenza. Din ta' l-aħħar tassumi l-possibbiltà li xi stimi u kalkoli jmorru ftit żmerċ u jiskorru l-figuri miftiehma.

It-total jiskorri l-miljun ewro – u kollox irid ikun tlesta sa l-aħħar tal-2012. Għalhekk ma nistgħux ma nirsistux; u allura nistieden lil min jaħseb li jista' jagħti daqqa t'id biex ma joqgħodx lura. Barra l-Bord tal-Fondazzjoni, waqqafna grupp li jinkludi fost l-oħrajn lill-kapijiet tal-kumitati li għandhom f'idejhom rispettivament il-finanzi, l-aspett tekniku, il-pubbliċità u l-preparazzjoni propja tal-mużew. U żdiedu diversi individwi li nħass il-bżonn tagħhom.

Sintendi l-għajnuna prinċipali – u urġenti – hi l-ġbir tal-flus li sa jirrappreżentaw is-sehem tagħna (xi ftit iktar minn €170,000). Kif ħabbarna (anki jekk għalissa mhux b'daqq ta' trombi), l-iskema preżenti ssejħet *150 agħmilhom elf*, peress li turi fil-prattika li meta benefattur joffri €150 ikun jippermettilna nħallsu kont ta' €1000, (għax it-€850 l-oħra jiżdiedu mill-Fondi Strutturali Ewropej). Ovvjament kulħadd jista' joffri iktar jew inqas, iżda €150 (jew €50 għal tliet snin) jakkwistaw għall-benefattur dawn ir-rigali biex nuru r-ringrazzjament immedjat tagħna: kopja ta' l-edizzjoni ta' livell għoli tat-traduzzjoni minn Mons. Farrugia Gioioso ta' l-opra ta' De Soldanis fuq Għawdex; tessera għal dħul b'xejn perpetwu fil-mużew; u sħubija fil-Fondazzjoni. Sa joħroġ ċertifikat rikordju u anki sa jkollna Ktieb tad-Deheb. U sintendi jkollkom is-sodisfazzjon li għentu biex iseħħ dan il-proġett eżemplari u innovattiv, kif inħobbu nagħmlu!



L-eħfef hu li tużaw il-kontijiet li ftaħna fil-banek. Iżda tistgħu tnewlu l-offerti lil xi ħadd mill-FBV: insemmi biss lill-arċipriet emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia (kordinatur) u lil Francesco Pio Attard (responsabbli biex iżomm id-dettalji għal trasparenza sħiħa). Hekk jew hekk, tingħataw irċivuta. U nsemmi mod ieħor ta' għajnuna materjali: imitaw lil Marija Cutajar (RIP) li ħalliet ir-residenza fit-testment tagħha tat-30 ta' Ottubru 1998!

Intemm dan l-appuntament tiegħi billi nsemmi li nittama li sa ħarġa oħra nkunu ħabbarna l-"bidu uffiċċjali" lejn it-twettiq ta' din il-ħolma.

**Kontijiet Bankarji**
APS: 20000866897, BOV: 40018670408,
HSBC: 071227912001, LOMBARD: 0117460034501

Programm Operazzjonali I – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
*Ninvestu fil-Kompetittività għal Kwalità ta' Ħajja Aħjar*
Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ERDF)
Rata ta' Kofinanzjament: 72.25% Fondi UE; 12.75% Fondi Nazzjonali; 15%NGOs
***Ninvestu fil-futur tagħna***

Qaddisin "Ġorġjani" | 25

RABTIET MAL-KULT TAL-PATRUN TAGĦNA U MA' DAN IT-TEMPJU DDEDIKAT LILU



*Antoine Vassallo*

# Sant'Agata

## (tifkira liturġika fil-5 ta' Frar)

Forsi mhux ilkoll innutajna li l-professur Conti inkluda lil Sant'Agata fost il-qaddisin qed jagħtu qima lil San Ġorġ fl-arzella tal-kor tal-bażilika tagħna. Iżda żgur tajna kas li din il-martri tidher flimkien miegħu u ma' San Pawl fix-xena drammatika ta' l-Assedju (fl-arzella għar-riħ ta' l-altar ta' l-Erwieħ). Fil-fatt leġġenda qawwija tiddeskrivi l-intervent ta' dawn il-patruni biex ħelsu lil pajjiżna mit-Torok invażuri, imsemmija fil-kummentarju Bibliku monumentali tal-Ġiżwita Fjamming Cornelis van den Steen, magħruf bħala Cornelius a Lapide.

Agata (isem li jirriferi għat-tjubija) għexet fil-belt ta' Katanja u sofriet il-martirju (skond il-leġġenda, ta' xi sittax; probabbilment, minħabba dettalji oħra, ta' xi għoxrin) fil-5 ta' Frar tas-sena 250, xi sena 'l hawn jew 'l hinn. Imwielda ġo familja ta' fidi Nisranija, kienet iddeċidiet li tikkonsagra l-verġinità tagħha lil Alla. Kwinzjan il-prokonslu darba lemaħha, iffissa fuqha u ħatafha. Izda hi bl-ebda mod ma riedet iċċedilu ("rasha iktar iebsa mil-lava ta' l-Etna"!). Kien fi żmien il-persekuzzjoni ta' l-imperatur Deċju kontra l-Insara: b'din l-iskuża l-Prokonslu akkużaha li ma tridx tiċħad il-fidi Nisranija biex tirritorna għar-reliġjon statali (għalkemm xi studjużi jaħsbu li kien hemm l-intenzjoni wkoll li jittieħed il-ġid fl-artijiet li kellha l-familja). U hawn bdewlha sensiela ta' turmenti u torturi (irrakkontati fid-dettall fil-*Passio Sanctæ Agathæ* żewġ sekli wara, iżda b'xi anakroniżmi u kontradizzjonijiet) li wasslu għal mewtha. Fil-pittura ta' spiss narawha b'sidirha fuq platt peress li wasal biex ċarratulha.



Eżatt sena wara mewtha Katanja sfat mhedda minn erużjoni tal-Vessuvju. Bi ħġarhom (anki min ma kienx Nisrani) marru fuq qabarha, ħadu l-velu aħmar tagħha (li kien baqa' intatt waqt il-martirju; skond waħda mil-leġġendi, inbidel minn abjad għall-kulur tal-martri malli bdewlha l-ħruxijiet) u poġġewh fuq ix-xmara tal-lava; din dlonk waqfet. Riżultat "awtomatiku" kien li Sant'Agata nħatret patruna tal-belt (bosta huma l-ġrajjiet fejn jemmnu li ħelsithom minn perikli tan-natura u ta' l-għedewwa) u, fuq bażi usa', kontra l-erużjonijiet vulkaniċi u kull periklu tan-nirien. Dan il-velu mirakuluż intuża biex iwaqqaf skossi qawwija ta' terremot fis-sena 1169, u għadu jitqiem sal-lum; xi seklu ilu l-Arċisqof "iddefenda" bih lir-raħal ġar ta' Nicolosi.

L-arkeoloġija fil-fatt tikkonfermalna li l-kult tagħha tfaċċa mill-ewwel; jista' jkun li waħda mill-ewwel devoti kienet Santa Luċija stess! Matul is-sekli diversi postijiet u kategoriji għażluha bħala protettriċi (fosthom furnara, dawk li jagħmlu l-qniepen u min isofri minn ċertu mard jew jaħdem mal-morda). Għalhekk m'hemmx għax nistagħġbu li l-ħafna kuntatti mal-gżira ta' Sqallija wasslu d-devozzjoni lejha fostna. Anzi, saħansitra Malta tissemma fost il-postijiet fejn, skond il-leġġendi, ħarbet biex tipprova teħles mit-tirann. L-ewwel ħjiel tal-kult Agatjan f'pajjiżna jmur lura għal nofs is-seklu ħamsa u nafu bi knisja f'nofs is-seklu ħmistax taħt is-swar tal-Kastell f'Għawdex. Jingħad li għexet għal ftit fil-kripta mħaffra fil-blat li l-lum tagħmel parti mill-kumpless ta' Sant'Agata fir-Rabat ta' Malta (biswit il-"katakombi ta' San Pawl"); is-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl ħolqot mużew li jinkludi affreski li l-istudjużi jgħodduhom fost l-isbaħ li fadlilna. Ta' interess partikulari għalina hu l-fatt li l-Patrun tagħna jidher hawn ukoll!

Fl-1040 ir-relikwi ta' din il-martri nsterqu minn ċertu ġeneral Biżantin (bl-isem ta' Ġorġ) lejn Kostantinopli, iżda damu hemm inqas minn mitt sena qabel ma nġiebu lura biex il-Kataniżi setgħu jilqgħu mill-ġdid lis-*Santuzza* tagħhom. Fil-fatt il-manifestazzjonijiet ta' reliġjożità

jissokta f'paġna 15

# ROKNA għat-tfal



Għeżież tfal,

Kif intom? Nittama li tinsabu tajbin!

Dħalna fir-Randan, li kif tafu huwa żmien ta' penitenza u sagrifiċċju. Huwa żmien sabiħ u għażiż li matulu sewwa li lkoll kemm aħna naħsbu ftit fuq kemm tbatija għadda minnha l-Imgħallem tagħna Ġesù biex jifdina u jsalvana. U allura importanti li nagħmlu xi ftit tas-sagrifiċċju biex inpattu għan-nuqqasijiet tagħna. Forsi tgħiduli: "Aħna għadna ma lħaqniex l-età tas-sawm u l-astinenza". Dan kollu minnu, iżda xorta waħda għandna nħossuna fid-dmir li b'xi mod nimxu fuq il-passi ta' Kristu, li għalkemm kien l-Iben ta' Alla mar fil-qalba tad-deżert u sam għal erbgħin jum. Intom tistgħu tnaqqsu mill-ħelu, mid-divertiment, minn tant sigħat li wħud minnkom jgħaddu quddiem it-televixin jew il-kompjuter, taraw li tobdu iktar mis-soltu bla tgemgim, tmorru żżuru lil xi marid jew anzjan, u titolbu iktar mis-soltu. Min jaf kieku kelli nistaqsikom kemm minnkom jagħmlu l-*Via Sagra* kuljum xi tweġbuni! U r-Rużarju qed issibu ħin għalih? Matul dan iż-żmien għandna ħafna drawwiet sbieħ. Naħseb li ħafna minnkom diġà marru jinkitbu biex jieħdu sehem fil-purċissjoni devota tal-Ġimgħa l-Kbira, li ma tridux teħduha biss bħala drawwa. Naf li ħafna minnkom għandhom ukoll xi statwa tal-Passjoni, li naħseb sal-lum ħriġtuha biex titgawda matul dawn il-jiem. Fl-iskola jkollkom ukoll l-eżerċizzi spiritwali; qis li tisimgħuhom sew u mhux sempliċiment biex tiffrankaw xi lezzjoni! Fil-parroċċa wkoll tistgħu tattendu għalihom. Dawn isiru darba fis-sena għal kulħadd u sewwa li ma nitilfuhomx.

Sal-lum irċivejtu r-riżultat ta' l-eżamijiet ta' nofs is-sena, u nittama li mortu mhux ħażin. Min xtaq li mar aħjar importanti li jara li fil-ġimgħat li ġejjin joqgħod iktar attent u ma jitlifx żmien, għax malajr jasal Ġunju! Nawgura wkoll lil dawk fostkom li qed iħejju ruħhom biex jirċievu l-Ewwel Tqarbina u lil dawk li sa jagħmlu l-Griżma ta' l-Isqof. Dalwaqt ukoll infakkru l-festa liturġika tal-patrun tagħna San Ġorġ. Nitolbuh biex jissokta jitlob għalina.

Għal-lum nieqaf hawn. Ċert li matul il-Ġimgħa Mqaddsa narakom ilkoll il-knisja għal tant funzjonijiet sbieħ u għeżież!

*Iz-Ziju Joe*

## Kompetizzjoni

U issa ngħaddu għall-kompetizzjoni. Din id-darba kull ma rrid minn għandkom hu li tagħtuni sitt iqwiel Maltin b'dawn in-nomi li ġejjin. Mela daħħal dawn is-sitt kelmiet f'sitt iqwiel Maltin: **kelb, baħar, mard, xiħ, ħmar, debba.**

Ibagħtu t-tweġibiet tagħkom liz-Ziju Joe, 11/"Marjos", Triq Sir Paul Boffa, Victoria, VCT 2111, Għawdex. Żmien għandkom **sal-Ġimgħa 30 ta' April 2010**. Fost dawk li jwieġbu tajjeb jitla' bix-xorti r-rebbieħ li jingħata rumanz bil-Malti ġentilment mogħti mill-*Klabb Kotba Maltin*.

---

isegwi minn paġna 11

popolari marbuta ma' Sant'Agata ma qatgħu qatt. Il-lum dawn ir-relikwi (fosthom dirgħajha, idejha, saqajha u riġlejha) huma meqjuma fid-*Duomo* ta' Katanja: f'senduq tal-fidda, xogħol artiġjani lokali magħrufa. Hemm insibu wkoll bust tagħha tal-fidda (mill-erbatax-il seklu), b'kuruna li jingħad li kien irregalaha r-re Rikardu "Qalb ta' Ljun" ta' l-Ingilterra, li jinkludi partijiet mill-qorriegħa. Imbagħad jeżistu diversi postijiet oħra li jiftaħru bi fdalijiet żgħar minn għadamha jew mill-velu.

Tant kellha kult qawwi Sant'Agata li Palermo (il-kapitali tal-gżira) kienet tiġġieled li hi tagħha (bi knisja fejn hi meqjuma marka ta' sieqha fuq blata), sakemm "waqgħu" fuq Santa Rosalia. Il-qima kienet stabbilita anki f'Ruma: fil-fatt il-papiet Simmaku u Girgor ("il-Kbir") iddedikawlha bażiliċi fis-sitt seklu; u ma ninsewx li nsibuha fost il-ftit qaddisin li jissemmew fil-Kanoni tal-Quddiesa (barra li qiegħda fil-martiroloġji l-iktar antiki). Fit-tlettax-il seklu madwar id-djoċesi ta' Milan kien hemm iktar minn għoxrin knisja ddedikata lilha! Għalkemm sintendi Katanja – b'xi tmien knejjes u bosta monumenti, tifkiriet u opri ta' l-arti – tibqa' ċ-ċentru (anki mill-aspett folkloristiku), ċelebrazzjonijiet f'ġieħha għadhom isiru ma' l-Italja kollha, fir-Repubblika ta' San Marino, f'diversi bliet u rħula ma' l-Ewropa, u f'bosta nħawi oħra li jgħodduha bħala patruna jew għandhom devozzjoni ħajja lejha, ngħidu aħna fost il-Baski ta' Spanja. Lejlietha (*Santa Ageda bezpera*) gruppi ta' Baski jduru bieb bieb biex jingħataw ikel talli jkantaw f'ġieħha (kunzunetta jew innu li jvarjaw anki fuq dak li jkun jiġri fosthom) jew jitolbu għall-mejtin, skond l-għażla ta' sid id-dar. F'Katanja darbtejn joħorġuha f'purċissjoni: fil-5 ta' Frar u fis-17 ta' Awwissu (l-anniversarju tar-ritorn tar-relikwi), iżda d-data prinċipali hi ta' l-ewwel, b'eluf joħonqu l-belt matul tlitt ijiem. Laqatni aspett lingwistiku: il-kelma *vara* tirriferi għall-karru tal-fidda li fuqu jġorru r-relikwi tagħha. Jintużaw ukoll il-*Candelore* (jew *cannalori*): skulturi kbar ta' l-injam indurat fuq stil Barokk b'xeni minn ħajjitha, responsabbiltà ta' ħdax-il fratellanza (*corporazzioni*) ta' snajja' differenti.

# TISLIBA



## Mimdudin

1 Materjal. (5)
8 Belt fi Sqallija. (7)
9 L-aħħar tislima lil xi persuna. (7)
10 Qegħdin biex jimtlew. (7)
12 Fl-Ingilterra ssib ħafna minnhom. (11)
15 Hekk mietet Sant'Agata. (6)
17 Twaqqfet biex tħejji għaż-żjara tal-Papa fostna. (11)
20 F'San Ġorġ mhux fil-ġurnata tal-Ħadd biss issir. (7)
22 Stat fil-Brażil. (7)
23 Isem Agata jirreferi għal din. (7)
25 M'ilux ħafna żmien. (11)
26 Saċerdoti. (5)

## Weqfin

2 Titlu. (4)
3 Parti mill-ġisem tal-bniedem. (4)
4 Kulur. (5)
5 Il-bażi tas-soċjetà. (7)
6 Xahar. (9)
7 Lingwa. (7)
11 Ammont. (6)
12 Hekk hi z-zona ta' Taċ-Ċawla. (10)
13 Afrika. (9)
14 Fuq jsiru d-drammi. (4)
16 F'Ruma, Dun Jimmy kiseb il-liċenzjat f'dan is-suġġett.(10)
17 Mons. Hili kellu diversi karigi hawn. (5)
18 Belt fl-Awstralja. (9)
19 Livell akkademiku fl-istudju. (8)
21 Sengħa. (6)
24 Kulħadd b'wieħed. (4)

**Premju**

Ir-rebbieħ jieħu kejk mingħand *De Jean Patisserie* ta' 18, Triq Vajringa, Victoria; tel: 27 554 569.

**Riżultati tat-Tisliba ta' Novembru-Diċembru 2009: Ħadd ma rebaħ din it-tisliba.**

**MIMDUDIN:** 1) Żebbuġ; 4) umbrelel; 6) Salvu; 7) djoċesi; 9) ħarrub; 11) attwali; 16) Novembru; 17) ġifen; 18) ħerba; 20) tridu; 21) perjodiku; 26) letterarji; 28) Qrar; 29) novena; 30) tradizzjoni.

**WEQFIN:** 2) bulettin; 3) lajċi; 5) librerija; 8) strofa; 10) bizzilla; 12) Latin; 13) persekuzzjoni; 14) Romantiċi; 15) omelija; 19) jidderiġi; 21) Pawlina; 22) irħam; 23) leħja; 24) leħen; 25) Preti; 27) Turin.

**Ibagħtu t-tisliba maħduma flimkien mad-dettalji tagħkom f'dan l-indirizz: *Tisliba - Il-Belt Victoria*, Uffiċċju Parrokkjali Bażilika San Ġorġ, Triq il-Karità, Victoria VCT 1200, Għawdex, jew inkella permezz ta' *email* lil *neville@sangorg.org*, sa mhux aktar tard mill-Gimgħa 30 ta' April 2010/.**

Ma jiġux aċċettati tislibiet maħduma fuq il-ġurnal stess. Ir-rebbieħ/a jitħabbar fil-ħarġa li jmiss, flimkien mar-riżultati t-tajba.



# Mid-Djarju Parrokkjali

KRONAKA TAL-PARROĊĊA

Diċembru 2009 - Jannar 2010

*Andrew Formosa*

andrew@ilbeltvictoria.org

**6 ta' Diċembru 2009**

Mal-bulettin parrokkjali tqassam *flyer* informattiv mill-*Fondazzjoni Belt Victoria* fuq kif wieħed seta' jkun benefattur tal-proġett ta' Mużew u Ċentru Kulturali. Infetħu numru ta' kontijiet bankarji għal min xtaq jgħin billi jittrasferixxi l-għotja tiegħu. L-iskema ta' ġbir, imħabbra aktar kmieni, ġiet irriklamata bl-*islogan Agħti rigal lil San Ġorġ dal-Milied*. Fuq l-istess bulettin tħabbret ukoll kompetizzjoni ta' presepji, grotti u twieqi mżejna fost it-tfal tal-parroċċa ta' bejn is-seba' u t-tnax-il sena, li fiha ħa sehem numru sabiħ ta' parteċipanti żgħar.

**8 ta' Diċembru 2009**

F'dan il-jum il-bażilika ta' San Ġorġ fakkret bid-daqq tal-qniepen l-erbgħa u tletin anniversarju mit-twaqqif tal-kolleġġjata Ġorġjana.

**09.00am:** L-Arċipriet mexxa konċelebrazzjoni solenni fil-bażilika, fis-solennità tat-Tnissil bla tebgħa tal-Verġni Marija. Fil-belt Victoria, f'dak il-jum, ġiet iċċelebrata l-festa tal-Kunċizzjoni mill-patrijiet Franġiskani Konventwali. L-*iSchola Cantorum Gregoriana* kif ukoll il-kor *Laudate Pueri* tal-bażilika taw is-sehem tagħhom fiċ-ċelebrazzjonijiet, waqt li l-Banda Ċittadina *La Stella* akkumpanjat bħas-soltu l-purċissjoni bl-istatwa ta' l-Immakulata mat-toroq ewlenin tal-belt.

**9 ta' Diċembru 2009**

**07.30pm:** Ir-*Rotary Club* ta' Malta tella' kunċert mużikali fl-*Awla Mons. Giuseppe Farrugia*. Id-dħul kollu mar għall-karità.

**12 ta' Diċembru 2009**

**10.00am:** Is-saċerdoti tal-parroċċa nġabru għal nofs ta' nhar ta' formazzjoni flimkien, fid-dar tal-*MAS* f'Għajnsielem. Barra mumenti ta' talb, kellhom riflessjoni fuq is-Sena Saċerdotali minn Dun Roberto Gauci, iċ-ċerimonier uffiċċjali ta' l-Isqof. Wara Quddiesa minn Mons. Tarċisju Camilleri, arċipriet tal-parroċċa ta' Ta' Sannat, il-membri tal-kleru Ġorġjan baqgħu għall-ikla flimkien.

**15 ta' Diċembru 2009**

**09.00am:** Bdiet in-Novena tal-Milied għal kulħadd, immexxija mill-arċipriet Mons. Pawlu Cardona.

**06.00pm:** Bdiet in-Novena tal-Milied għat-tfal, li kienet tinkludi qari ta' stejjer minn qarrejja differenti, kant ta' l-Avvent u tqassim ta' rigali lit-tfal kollha. F'kull ġurnata tan-Novena, wara t-Tqarbin, it-tfajjel Francis J. Camilleri kanta l-*Alma*; filmat tagħha ġie mxandar ukoll fl-istess ġranet fuq il-bulettin ta' l-aħbarijiet ta' l-istazzjon lokali *Net Television*. Fi tmiem l-ewwel Quddiesa tan-Novena, fil-kappella ta' Ġesù u Marija, fil-preżenza tat-tfal kollha u l-ġenituri tagħhom, l-Arċipriet bierek ix-xbihat ta' Ġesù Bambin li ġabu magħhom kif ukoll il-presepju l-ġdid tal-bażilika, xogħol fil-kartapesta ta' George Camilleri. Din kienet inizjattiva ġdida li ħa l-uffiċċju parrokkjali. Il-Quddies tan-Novena tmexxa mill-arċipriet Mons. Pawlu Cardona, mill-Kan. George J. Frendo u minn Mons. George Bezzina.



**20 ta' Diċembru 2009**

**11.00am:** Mexxa l-Quddiesa l-E.T. Mons. Abune Markus G. Medhin, isqof mill-vigarjat ta' Gemma, fl-Etjopja, li ġie elett nhar il-5 ta' Diċembru 2009. Ikkonċelebraw miegħu l-arċipriet Mons. Pawlu Cardona u Mons. George Grima, missjunarju mill-parroċċa tagħna.

**08.00pm:** Il-*Chorus Urbanus*, taħt id-direzzjoni ta' Mro Dr John Galea, tella' fil-bażilika t-tnax-il edizzjoni ta' *Il-Kunċert tal-Milied* flimkien ma' l-*Island Brass Ensemble*.

**22 ta' Diċembru 2009**

**Fil-għodu:** Fil-filliera ta' quddiem tal-bażilika tqiegħed sett ta' ġinokkjaturi ġodda, maħduma fl-injam tar-ruvlu għand id-ditta *FXB*, biex ikomplu jsebbħu s-siġġijiet il-ġodda tal-bażilika. Il-ġinokkjaturi nħadmu minn Francis X. Borg innifsu. Barra minn hekk, fl-aħħar ġranet, il-bażilika kienet akkwistat bi prezz baxx ħafna ammont kbir ta' siġġijiet ġodda għall-użu fil-knisja, mixtrija minn għand il-kumpanija *Alfa Co. Ltd*.

**07.30pm:** Il-kor tal-bażilika Ġorġjana, *Laudate Pueri*, fuq stedina tal-kunsill lokali tax-Xagħra, ħa sehem fil-Kunċert tal-Milied li sar fil-bażilika u kolleġġjata ta' Marija Bambina, fix-Xagħra. Fil-kunċert, bl-isem ta' *Et Incarnatus Est*, il-kor kien taħt id-direzzjoni tal-Kan. George J. Frendo, u interpreta bosta xogħlijiet mużikali sagri marbuta mal-Milied.

**23 ta' Diċembru 2009**

**06.00pm:** Fl-aħħar jum tan-Novena għat-tfal, wara l-Quddiesa saret ċelebrazzjoni kbira tal-Milied fil-bażilika li inkludiet djalogu bejn erbat itfal fuq il-Milied, dramm qasir b'messaġġ, kant tal-

Milied, purċissjoni bil-Bambin bis-sehem tat-tfal tal-parroċċa fil-bażilika stess, kif ukoll qari ta' tnejn mill-ittri li t-tfal ġew imħajra jiktbu lil Ġesù Tarbija fl-okkażjoni tal-festa tat-twelid tiegħu, u li xxandru wkoll fl-istess jiem fuq *Leħen il-Belt Victoria*. Iċ-ċelebrazzjoni ħelwa ntemmet bil-barka Ewkaristika. Wara sar festin kbir tal-Milied għat-tfal tal-parroċċa u l-ġenituri tagħhom fiċ-ċentru parrokkjali, li fi tmiemu tqassmu kotba sbieħ lil kulħadd u ttella' presepju fost it-tfal.

**24 ta' Diċembru 2009**

**04.30pm:** Sar il-kant solenni ta' l-ewwel Għasar tas-solennità tat-Twelid tal-Mulej, mill-kapitlu tal-kolleġġjata.

**11.30pm:** Qabel il-Quddiesa ta' Nofs il-Lejl, saret il-liturġija solenni ta' l-Uffiċċju tal-Qari li ntemmet bil-Priedka tradizzjonali tat-Tifel mill-abbati Samuel Aquilina.

**12.00am:** L-Arċipriet mexxa l-konċelebrazzjoni solenni tat-Twelid tal-Mulej, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru.

**25 ta' Diċembru 2009**

**11.00am:** L-E.T. Mons. Mario Grech, isqof ta' Għawdex u dekan tal-kolleġġjata Ġorġjana, mexxa l-pontifikal solenni ta' jum il-Milied.

**27 ta' Diċembru 2009**

**11.00am:** Fil-jum li fih il-Knisja kienet qed tagħmel il-liturġija tal-Familja Mqaddsa, fil-bażilika Ġorġjana, li hi aggregata mal-katidral tal-Papa f'Ruma, ġiet iċċelebrata s-solennità Lateranensi ta' San Ġwann, Appostlu u Evanġelista. L-arċipriet emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia mexxa konċelebrazzjoni solenni, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru.

**30 ta' Diċembru 2009**

**6.00pm:** Saret it-tielet u l-aħħar laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali għas-sena 2009. Fiha sar *postmortem* tal-festi tal-Milied fil-parroċċa.

**31 ta' Diċembru 2009**

L-aħħar jum tas-sena fil-bażilika Ġorġjana jaħbat ukoll mal-festa Lateranensi ta' San Silvestru I, Papa, fundatur ta' l-arċibażilika tal-Lateran f'Ruma.

**9.00am:** L-Arċipriet iċċelebra Quddiesa li tat bidu għal jum ta' adorazzjoni solenni b'radd il-ħajr lil Alla għas-sena li kienet qed tintemm.

**05.00pm:** L-E.T. Mons. Mario Grech, isqof ta' Għawdex u dekan tal-kolleġġjata Ġorġjana, mexxa l-konċelebrazzjoni pontifikali ta' l-aħħar tas-sena, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru, li fi tmiemha tkanta t-*Te Deum*.

**08.00pm:** L-Arċipriet mexxa velja ta' adorazzjoni u talb fil-bażilika, b'radd il-ħajr lil Alla għas-sena 2009.



**1 ta' Jannar 2010**

**11.00am:** L-E.T. Mons. Mario Grech, isqof ta' Għawdex u dekan tal-kolleġġjata Ġorġjana, mexxa l-konċelebrazzjoni pontifikali tas-solennità ta' Marija Omm Alla, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru.

**4.30pm:** Sar il-kant solenni tat-tieni Għasar tas-solennità, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru.

**3 ta' Jannar 2010**

Mal-bulettin parrokkjali tqassam envelop bi stedina lill-familji tal-parroċċa sabiex jagħtu l-Istrina tagħhom lill-parroċċa.

**11.00am:** L-E.T. Mons. Mario Grech, isqof ta' Għawdex u dekan tal-kolleġġjata Ġorġjana, mexxa l-konċelebrazzjoni pontifikali tas-solennità ta' l-Epifanija tal-Mulej, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru. Fiha tkantat it-tħabbira solenni tal-festi liturġiċi matul is-sena, minn Dun Joseph Mercieca, kantur tal-bażilika. Wara l-pontifikal, l-Isqof kien il-mistieden speċjali f'*Ikla tal-Ħbieb* li saret fid-dar parrokkjali, u li għaliha, barra l-kleru, ġew mistiedna wkoll xi kollaboraturi fl-uffiċċju parrokkjali.

**5.00pm:** Fil-Quddiesa għat-Tfal u l-Adolexxenti, li kompliet bir-ritmu tas-soltu minn dan il-Ħadd, tqassmu ċ-ċertifikati lill-parteċipanti kollha fil-kompetizzjoni ta' l-isbaħ presepju jew grotta.

**4 ta' Jannar 2010**

**6.00pm:** Mons. Manwel Curmi mexxa konċelebrazzjoni b'suffraġju ta' ħuh, Mons. Tumas Curmi, li miet fit-28 ta' Novembru 2009.

**5 ta' Jannar 2010**

**4.00pm:** Il-*Lectio divina* għas-saċerdoti taż-Żona A saret fid-dar parrokkjali ta' San Ġorġ, u tmexxiet mill-Biblista Mons. Anton Mizzi.

**9 ta' Jannar 2010**

**7.30pm:** Fis-*Sala Mons. Emanuel Mercieca* taċ-ċentru parrokkjali sar ir-riċiviment annwali għall-benefatturi u l-kollaboraturi tal-parroċċa. Fiha nfetħet ukoll l-Awla Kapitulari, li fl-aħħar ġimgħat ġiet imnaddfa minn bosta voluntiera fi ħdan l-uffiċċju parrokkjali.

**10 ta' Jannar 2010**

Mal-bulettin tqassam il-kalendarju parrokkjali għas-sena 2010, b'ritratt sabiħ ta' l-altar tal-bażilika li jfakkar il-ħamsin anniversarju, din is-sena, mit-twaqqif u l-konsagrazzjoni tiegħu.

**9.00am:** L-arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa konċelebrazzjoni konventwali tal-festa tal-Magħmudija tal-Mulej, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru.

**11.00am:** L-arċipriet emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia mexxa konċelebrazzjoni ta' radd il-ħajr lil Alla fl-okkażjoni tal-ħamsin anniversarju taż-żwieġ ta' Francis X. u Victoria Borg, benefatturi tal-bażilika Ġorġjana.

**17 ta' Jannar 2010**

**6.00pm:** Il-fergħa tar-Rabat ta' l-Azzjoni Kattolika organizzat Quddiesa, immexxija mill-arċipriet Mons. Pawlu Cardona, fi tmiem ġimgħa speċjali ta' attivitajiet fir-Rabat.

**30-31 ta' Jannar 2010**

Fil-Quddies kollu li sar fil-bażilika s-Sibt fil-għaxija u l-Ħadd saret il-Ġabra ta' l-Art Imqaddsa mill-patrijiet Franġiskani.

Fl-*Oratorju Don Bosco* saret il-festa ta' San Ġwann Bosco. Fil-Quddiesa tal-festa, fil-kappella ta' l-istess Oratorju, ħa sehem il-kor tal-bażilika *Laudate Pueri*.

# 2010: Is-Sena ta' l-Altar

Francesco Pio Attard




Is-sena li qegħdin fiha – l-2010 – tfakkar il-ħamsin anniversarju mit-twaqqif ta' altar ġdid għall-bażilika ta' San Ġorġ. Il-knisja protoparrokkjali tal-gżira sa mll-qedem kienet l-altar ewlieni li lejh resqu l-emmiena tad-dîn Nisrani biex jieħdu sehem fis-Sagrifiċċju l-Kbir ta' Kristu.

Fl-1958 dan it-tempju ta' qedem u valur artistiku imprezzabbli fil-qalb tal-gżira ġie mżejjen minn Ruma bil-ġieħ ta' bażilika. Kienu jiem ta' bidla fl-Ewropa, meta t-tron ta' Piju XII, il-papa l-kbir ta' l-Aħħar Gwerra, imtela minn suċċessur anzjan fis-snin imma żagħżugħ fl-ispirtu u l-ħeġġa. Il-ħolma ta' Ġwanni XXIII li jsejjaħ Konċilju Ekumeniku ħasdet lill-Knisja u ġabet riformi li qatt ma kienu għadhom dehru bħalhom sa minn żmien Trentu. L-ewwel bidliet li bdew jidhru fuq wiċċ il-Knisja kienu fil-Liturġija, il-pulmun li bih ħadet in-nifs sa mill-fjur ta' żogħritha.

F'San Ġorġ, stendard tat-tradizzjoni Kattolika fuq gżiritna, sentejn qabel il-bidu tal-Konċilju Vatikan II il-bidla kienet diġà bdiet isseħħ. L-altar maġġur ta' rħam mill-isbaħ, li kien ġie kkonsagrat mill-isqof ta' Malta Fra Pawlu Alpheran de Bussan flimkien ma' l-istess knisja, fil-21 ta' Settembru 1755, iżżarma biex setgħu jitqiegħdu l-bażijiet ta' tribuna maestuża replika ta' dik li hemm f'San Pietru – li tlestiet fl-1967 –, fejn sab postu altar ġdid, ukoll magħmul fl-irħam, fl-għamla ta' mejda tħares lejn il-ġemgħa, kif aktar tard ippropona l-istess Konċilju. It-tneħħija tal-maġġur imponenti u prestiġjuż li kien hemm wieqaf qabel ħalliet lil ħafna "dilettanti" ta' l-arti b'diqa f'qalbhom. Dan kien wieħed mill-isbaħ altari f'Għawdex. Wara snin twal abbandunat fil-lok magħruf bħala "Ta' Lurieta", qrib il-bażilika, issa l-*Fondazzjoni Belt Victoria* għandha ħsieb tibda proġett ta' restawr fuq dan l-altar Ottoċentesk, biex jingħata l-glorja li kellu qabel u kulħadd ikun jista' jgawdih.

L-altar il-ġdid, għalkemm ma kellux l-eleganza ta' dak ta' qablu, ma kienx b'inqas sinifikanti. Maħdum fl-irħam abjad mill-Prof. Carlo Pisi fl-1960, tqiegħed f'postu f'Diċembru ta' dik is-sena, meta ġie kkonsagrat fil-21 tax-xahar mill-isqof Mons. Ġużeppi Pace. Pisi kien diġà adatta d-disinn ta' Bernini għat-tribuna li kienet bdiet tinħadem Ruma, waqt li ġol-bażilika għandu xogħlijiet oħra fl-irħam abjad, ta' l-istess stil, bħas-sett tal-*Via Crucis* (1949), il-bust ta' Mons. Ġorġ Agius (1955), kif ukoll l-anġli tal-ħwat ta' l-ilma mbierek. L-istil, ixaqleb lejn il-modern, qabel tajjeb ma' dak Barokk tal-bażilika. Ta' Pisi hu l-aktar grupp kbir ta' xogħlijiet artistiċi riċenti li nħadmu għall-bażilika ta' San Ġorġ.

Id-disinn ta' l-altar hu ispirat minn wieħed mill-flieli tal-koppla ta' Conti (1949), bit-tema ta' l-Apokalissi. Żewġ anġli, b'ilbies saċerdotali fuqhom, jidhru għarkubbtejhom, daharhom lejn xulxin, jerfgħu fuq idejhom il-mensla tal-mejda, biċċa rħama ħoxna u kbira li tifforma l-wiċċ ta' l-altar. F'din l-idea ta' l-artist, nilmħu enfasizzata x-xbieha Biblika ta' l-anġli li kull ħin iqimu lil Alla fil-liturġija smewwija. Din l-"ikona" hi wkoll f'sintonija mat-teoloġija Ewkaristika li tara fl-altar kemm it-Tron tal-Preżenza u kemm il-Mejda tas-Sagrifiċċju. Min iħares lejn l-altar-mejda ta' San Ġorġ iħoss l-istedina li jagħti qima lill-Misteru u fl-istess ħin jieħu sehem fl-Ikla. Dan is-sens ta' qtugħ mill-ħajja komuni għal laqgħa ma' Alla jinħass ukoll fit-tlict targiet li jaqtgħu l-altar mill-bqija tal-presbiterju u l-knisja, u naturalment fit-tribuna, simbolu tad-"dell" ta' Alla li fit-Testment il-Qadim jikkonkretizza ruħu fit-Tinda tal-Preżenza.

Fuq kollox, kif sa naraw f'din is-sensiela ta' tagħrif li tfakkar il-ħamsin anniversarju mill-konsagrazzjoni ta' din l-"għamara" qaddisa fil-bażilika tagħna, l-altar hu sinjal ta' Kristu stess, li f'kull Quddiesa jagħmel lilu nnifsu fl-istess waqt is-Saċerdot, il-Vittma u l-Altar. M'hux b'kumbinazzjoni għalhekk li, hekk kif il-Knisja Kattolika qed tiċċelebra s-Sena Saċerdotali, aħna qed infakkru l-anniversarju tal-konsagrazzjoni ta' l-altar tagħna, li hu l-post qaddis fejn jiċċelebra kull saċerdot flimkien mal-komunità, f'isem is-Saċerdot il-Kbir u ta' dejjem. Kemm tidher f'dawl aktar teoloġiku, milli sempliċiment wieħed devozzjonali, ix-xbieha ta' Ġesù Msallab fiż-żmien tar-Randan, hekk kif tkun tiddomina l-isfond – imma bla ma titfi l-importanza – ta' l-altar bażilikali ta' San Ġorġ! Hi tradizzjoni li, minħabba f'din it-tifsira profonda, ta' min iżommha u jinkuraġġiha. Wara kollox, is-Salib hu parti mis-sinjali li kull altar għandu jkollu.



**Bil-ħsieb li naqsmu mal-qarrejja aktar tagħrif, nistiednu lil dawk li għandhom xi ritratti storiċi ta' l-altar il-qadim jew tal-konsagrazzjoni tal-ġdid, jgħadduhomlna biex nagħmlu kopja.**